TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 497/11/GZ

**Joseph Zammit**

**vs**

**Right Deal**

Illum 12 ta' Lulju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00), rapprezentanti prezz ta' fridge, liema fridge rrizultat li kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'Lulju 2010 huwa kien xtara fridge minghand is-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00). Ir-rikorrent mill-ewwel, kien induna li l-fridge ma kenitx qieghda tkessah sew u meta cempel lis-socjeta' ntimata hija kienet qaltlu: "Tistennix li din bhall-antika li kellek." Wara tliet (3) gimghat ir-rikorrent kien innota hoss stramb gej mill-fridge u ghalhekk kien cempel lis-socjeta' ntimata. Tekniku tas-socjeta' kien mar jaraha u kien ghamel adjustment fit-temperatura. Ghaddew xaghrejn u dan il-hoss rega' beda. Ghalhekk, ir-rikorrent kien rega' cempel lis-socjeta' ntimata, fejn mar l-istess tekniku u qallu li regghat kellha bzonn tigi aggustata t-temperatura u qallu wkoll li l-fridge kienet qieghda taghmel hafna silg minn gewwa fejn hemm

il-fan. Wara xaghrejn, rega' beda l-istess hoss, pero' dik id-darba kien mar tekniku differenti li kien qala' l-fan u gibdu l-barra u kien wieghed li kien solva l-problema.

F'Mejju dan il-hoss rega' beda u s-silg rega' beda jakkumula fuq il-wara tal-fridge minn gewwa. Din id-darba, il-hoss kien iktar qawwi, tant illi r-rikorrent kellu jitfi l-fridge. Huwa kien cempel lis-socjeta' ntimata, fejn hija kienet regghat baghtet tekniku. Dan it-tekniku kien qal lir-rikorrent li l-fridge ma kenitx qieghda tkessah u tahdem sewwa u li ghalhekk ried johodha l-workshop biex jaghmel jew refill tal-gas jew xi tiswija ohra. Il-gurnata ta' wara, in-nies ta' 'Ventura co.' kienu marru u hadu l-fridge.

It-tekniku kien qal lir-rikorrent li jekk din terga' taghmilha, hu kien talab lil 'Ventura' biex jaghtuh bil-miktub li din il-fridge kellha tinbidel, pero' is-socjeta' ntimata qatt ma wriet tali konferma bil-miktub lir-rikorrent. Is-socjeta' ntimata kienet biss informat lir-rikorrent li l-konferma kienet qieghda ghandha.

Madanakollu, meta s-socjeta' ntimata rritornat il-fridge lir-rikorrent, wara li kienet sewwietha bil-gas, beda jinstema hoss mhux tas-soltu gej mill-fridge, u s-socjeta' kienet ukoll irritornat tali fridge b'sieq miksura. Dan kollu kien gie nnotat mir-rikorrent wara li kienu telqu l-haddiema tas-socjeta' ntimata. Wara li r-rikorrent kien informa s-socjeta' ntimata b'dan, is-socjeta' kienet regghat baghtet tekniku fejn huwa rranga s-sieq u ccekja fuq il-hoss li kienet qieghda taghmel il-fridge. It-tekniku kien qal lir-rikorrent li dan il-hoss kien normali. It-tekniku kien caqlaq il-fridge minn postha u kien sab l-ilma tahtha. Ir-rikorrenti kien gieghel lit-tekniku jaghmel nota ta' din l-iskoperta bil-miktub, li fil-fatt ghamel. It-tekniku kien informa lir-rikorrent li kien ser jerga' jinforma lil 'Ventura' biex jergghu jigu ghall-fridge ghat-tiswija.

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'dan kollu, specjalment wara li kien ukoll baghat ittra bil-miktub fejn talab lis-socjeta' ntimata sabiex tbiddel il-fridge in kwistjoni, pero' tali talba qatt ma giet accettata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jghid illi l-fridge ghadha tahdem pero' baqghet taghmel l-ilma kif ukoll trabbi s-silg. Stqarr ukoll li l-propjetarju tas-socjeta' ntimata kien qallu biex ma jersaqx izjed lejn il-hanut.

Ir-rikorrent ezebixxa zewg (2) ircevuti li juru l-hlas fl-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00) ghall-fridge li xtara minghand is-socjeta' ntimata, li gew immarkati bhala Dok.JZ1 u Dok.JZ2; il-karta datata 17 ta' Awissu 2011 u ffirmata minghand it-tekniku li kien mar fuq il-post, li giet immarkata bhala Dok.JZ3; flimkien ma' dokument li gie mmarkat bhala Dok.JZ4 li juri l-cash sale tal-fridge in kwistjoni fit-22 ta' Lulju 2010.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' Maria Assunta Vassallo, prodotta mir-rikorrent, hija kkonfermat dak kollu li kien xehed fuqha r-rikorrent, rigwardanti l-problemi u d-difetti li kellha l-fridge in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrent konsumatur, billi ma jistax ikun li oggett jittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta jibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**